Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 154/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelo Pace talli fid-29 ta' Dicembru, 2001 ghall-habta tas-1:00 p.m. fi Triq il-Helsien Qormi, hebb ghal martu Mary Pace u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma' ccertika Dr. Tabone M.D. Reg. 2865 mid-Dipartiment ta' l-Emergenza tal-Isptar San Luqa;

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-provvediment ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Angelo Pace hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghal gimgha detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Angelo Pace pprezentat fit-13 ta’ Lulju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tibdel is-sentenza f’wahda ta’ mhux hati u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta jew, alternattivament, tissostitwixxi l-piena nflitta b'wahda aktar miti;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti: li hemm konflitt fil-provi u ghalhekk in virtu` tal-principju *in dubio pro reo* l-appellant kellu jigi lliberat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu; li l-ewwel Qorti, minghajr ragunijiet sostanzjali, illiberat lil Mary Pace (mart l-appellant u li kienet akkuzata wkoll in konnessjoni ma' l-istess incident) filwaqt li lill-appellant sabitu hati; li nholoq inekwilibriju kbir bejn il-liberazzjoni ta' Mary Pace u l-kundanna ghal gimgha detenzjoni ta' l-appellant.

Din il-Qorti tippremetti li x'gie deciz fir-rigward ta' Mary Pace mill-ewwel Qorti huwa ghal kollox irrilevanti. Dan l-appell jirrigwarda biss l-appellant Angelo Pace u r-responsabbilta` tieghu o meno skond l-imputazzjoni dedotta.

Issa, mill-provi mismugha quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta li fid-29 ta' Dicembru 2001 inqala' incident bejn l-appellant u martu Mary Pace fid-dar residenzjali taghhom u li wassal ghal dawn il-proceduri.

**P.S. 585 Joseph Bayliss** xehed li dakinhar ircieva rapport minghand Mary Pace li kienet issawtet mir-ragel taghha u pprezentat certifikat mediku rilaxxat mit-tabiba

Dott. Dianne Tabone. Waqt li kienu qed ifittxu lill-appellant, dan mar l-ghassa minn jeddu u qal li kien issawwat minn martu u pprezenta certifikat mediku wkoll izda qal li ma riedx jiehu passi kriminali kontra martu.

**Mary Pace** xehdet li kienet inqalghet kwistjoni fuq *heater* li hija riditu jhallieh f'postu u mhux fil-kamra tal-bejt. L-appellant bezqilha, il-bezqa giet f'idejha, hija daret u meshitha mieghu waqt li qaltlu "Din tieghek". Skond ix-xhud, l-appellant dar fuqha, tajrilha n-nuccali minn ghajnejha, beda jigdimha, ghamel saqajh fuq saqajha u ma setghetx ticcaqlaq. Iddefendiet ruhha, bdiet tigdem, qabdet *ashtray* imma tajjarhielha.

**It-tabiba Dott. Dianne Tabone** fl-affidavit taghha kkonfermat li kienet ezaminat lil Mary Pace fid-29 ta' Dicembru 2001 fit-3.00 p.m. u li din kienet qed issofri minn tliet girfiet superficjali fuq in-naha tax-xellug tal-wicc, girfa taht l-ghajn il-leminija, girfa fuq ix-xoffa n-naha tal-lemin u x-xoffa ta' fuq tan-naha tal-lemin minfuha. Dawn il-griehi kklassifikathom bhala ta' natura hafifa.

**L-appellant** xehed li hu bezaq lill-mara tieghu wara li pprovokatu meta qaltlu li ghandu xorti qed juza d-dawl fid-dar. Qal li wara li bezqilha hija daret ghall-*ashtray* u bdiet ixxejjirlu bih. Hu ppunta idejh biex jimbuttaha, jilqaghlha u qaltlu "Nibqa' ntik sakemm noqtlok jekk naqbad intik". Kif qalet hekk u bdiet tara d-demm hiereg minn xofftejh, waqfet. Huwa esebixxa zewg ritratti (CP1 u CP2) li juru l-griehi in kwistjoni.

**It-tabib Dott. Raymond Fenech** xehed li fid-29 ta' Dicembru 2001 kien mar ghandu l-appellant u kellu xi grif zghir f'wiccu li dwarhom irrilaxxja certifikat. Dawn il-griehi kklassifikahom bhala ta' natura hafifa.

Issa huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet

ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Il-kwistjoni kollha fil-kaz in dizamina hija wahda ta' kredibilita` bejn il-verzjoni ta' Mary Pace u dik ta' l-appellant u din il-Qorti thoss li l-verzjoni ta' Mary Pace hija attendibbli u ma tarax ghaliex ghandha tvarja l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-ewwel Qorti. L-argumenti li ressaq l-appellant biex jiskredita l-verzjoni ta' martu (li l-griehi setghet ghamlithom Mary Pace stess, li jekk verament kellha griehi jmissha hadet ritratti taghhom bhalma ghamel hu) ma joholqux f'mohh il-gudikant dak id-dubju ragjonevoli li trid il-ligi, ghax skond l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Inoltre l-ezistenza ta' griehi hi kkonfermata mic-certifikat rilaxxat mit-tabiba Dott. Dianne Tabone minnha kkonfermat bil-gurament. Din il-Qorti thoss li fuq il-bazi tal-provi mismugha, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2]. Barra minn hekk l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tevalwa l-imgieba, il-karattru u l-kondotta kemm ta' l-appellant kif ukoll ta' Mary Pace. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha raguni serja bizzejjed biex tvarja l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.

Dwar il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat. L-appellant jghid li huwa ghandu fedina penali nadifa u li anke fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza appellata, il-kundanna ghal gimgha detenzjoni mhijiex wahda gusta.

M'hemm l-ebda dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi. Il-partijiet rilevanti ta' l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali jipprovdu hekk:

**"(1) L-offiza fuq il-persuna li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija hafifa, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa.**

**….**

**(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew ghal dak li hu l-gisem ta' l-offiz kemm moralment, ikun ta' importanza zghira, l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel -**

**(a) il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiza ssir b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, <u>inkella fuq xi</u>**

[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

**<u>wahda mill-persuni msemmijin fil-paragrafi (a) u (b) tas-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 222</u>;**

**(b) il-pieni tal-kontravvenzjonijiet, f'kull kaz iehor."** (sottolinear tal-Qorti).

Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 222 tal-Kap. 9 fil-fatt jirreferi ghal offizi li jsiru, *inter alia*, fuq il-persuna tar-ragel jew tal-mara. Dan ifisser li l-ewwel Qorti ma applikatx il-piena preskritta mil-ligi, cioe` dik ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew tal-multa, izda applikat piena (dik ta' detenzjoni) li hija wahda mill-pieni stabbiliti ghal kontravvenzjonijiet skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 9.

Din il-Qorti kellha okkazjoni tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna, il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat[3]. Naturalment meta l-ligi taghti latitudini wiesa' fil-piena, il-Qorti ghandha wkoll tibbilancja l-esigenzi tas-socjeta` mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Fil-kaz in ezami, l-incident kollu gie provokat mill-appellant stess li bezaq lil martu minhabba battibekk fuq heater u l-uzu tad-dawl. Il-fatt li anke hu seta' sofra xi griehi ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tieghu ghal dawk li huwa kkawza lil martu. Problemi matrimonjali ma jirrizolvux ruhhom b'atti provokatorji u atti ta' vjolenza.

Ghalhekk, u anke wara li din il-Qorti rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant, l-aggravju dwar il-piena huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

[3] Ara per ezempju Appell Kriminali 193/2003VDG fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004.

---------------------------------TMIEM---------------------------------